MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Numru. 81/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Carmel Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Vassallo detentur tal-karta tal-identita` numru 73871(M).

Akkuzat talli fis-6 t'Awwissu 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer

1. Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentament, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

B'hekk Carmel Vassallo:

a. Sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; u
b. Ghamel wkoll reat fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, liema sentenza inghatat fis-17 ta' Novembru 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:

i. Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
ii. Tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serje ta' proceduri li gew istitwiti mill-Pulizija stante li kien hemm allegazzjonijiet illi xi licenzji tas-sewqan gew misjuba b'xi illegalitajiet fihom.

Semghet lill-ufficjal prosekutur, lill-Ispettur Ian Abdilla li bil-gurament iddeskriva il-verzjoni tal-fatti u fejn qal illi skont l-arkivji tat-Transport Malta, l-imputat kellu bhala kategoriji dawk tal-licenzja tal-mutur (A+), tal-licenzja tal-

karrozza privata (B+) u l-kategoriji tat-trakkijiet (C u C+ u E). Il-kategorija tal-muturi giet inserita fid-data tat-Transport Malta fit-tlettax (13) ta' April 2007 u fejn din il-kategorija ma kienitx supportata bl-ebda dokumenti jigifieri li allegatament l-imputat ma kienx ghamel it-testijiet necessarji.

Rat l-istqarrija tal-imputat fejn kien wiegeb ghad-domandi mistoqsija lilu u fejn minn dejjem innega li kien gieb il-kategorija tal-muturi b'mod qarrieq. Fil-fatt huwa spjega b'mod dettaljat kif kien ottjeniha tali licenzja u li kien fis–sena elfejn u seba' (2007).

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Dion Barbieri** li huwa rapprezentant tat-Transport Malta u senjatament tat-Theory Testing Centre li spjega kif wiehed japplika biex isir l-ezami. Huwa xehed illi wiehed jista' jcempel jew jimla formola, sussegwentement icemplulu mill-ufficcju taghhom ghal data tal-ezami. Il-persuna irid igib l-ID card mieghu sabiex jekk jghaddi, id-data tieghu tigi awtomatikament inserita fl-atti taghhom. Izda minn ricerka li ghamel, irrizulta illi l-imputat Carmel Vassallo ma kellu l-ebda records fuq ismu.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat talli fis-sitta (6) ta' Awwissu 2010 u fix-xhur jew is-snin ta' qabel ***ta' ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew li geghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet; jew li ta' struzzjonijiet biex isir***

***delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjonijiet foloz jew certifikati foloz".***

Illi sabiex din l-azzjoni tirnexxi, il-prosekuzzjoni kellha tipprova zewg affarijiet:

a) illi effettivament kien hemm diskrepanzi fir-records tat-Transport Malta f'dak li jikkoncerna l-entrati tal-kategoriji li jghajtu lill-imputat; u
b) illi kien hemm xi manuvri ma terzi persuni sabiex isiru dawn il-kategoriji tas-sewqan b'mod qarrieqi jew illegali.

Illi din il-Qorti, filwaqt illi thoss illi l-ewwel kriterju gie ippruvat, temmen illi t-tieni kriterju ma giex ippruvat bl-ebda mod u dan ghaliex ma giex ippruvat l-ebda maniggi mill-imputat ma' terzi persuni sabiex isir dan id-delitt. Filwaqt li tinnota illi Francis Catania, li kienet dik il-persuna mit-Transport Malta li dahhlet l-entrata manwalment, kienet ghadha ghaddejja proceduri kontrih, il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma sejjset il-kaz taghha fuq bazi solida sabiex torbot lit-tnejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma ssibx lill-imputat **Carmel Vassallo** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------